MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Numru. 532/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Anthony Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Anthony Vella, bin Coronato u Cristina neé Grima, imwieled fit-23 ta' Lulju 1959 u residenti fil-fond Tas-Serrer, Triq Torri Sopu, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 45059(G) li gie akkuzat talli nhar it-28 ta' April 2011

u fix-xhur ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer f’diversi hinijiet ghamel uzu minn prodotti ghall-harsien tal-pjanti li ma jistghux jigu ntrodotti fis-suq u dan bi ksur ta’ L.S 430.01 3 (1);

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

ILLI mill-provi mismugha jirrizulta illi l-imputat ghamel uzu minn prodott ghall-harsien tal-pjanti li ma jistghux jigu ntrodotti fus-suq, cioe’ *procymidone*, u ghaldaqstant l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodifacentement pruvata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Regolament 3(1) tal-Legislazzjoni Sussidarja 430.01 u Artikolu 9 tal-Kapitolu 430 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta’ sitt mitt ewro (€ 600.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------